**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 10 ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 8/16**

**Nelson Jose De Vella Seixas**

**Vs**

**Aviation Security Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **<u>Nelson Jose De Vella Seixas</u>** ipprezentat fit-8 ta' Frar 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

"*Illi l-appellant kien ipprezenta applikazzjoni quddiem l-awtorita` intimata ghall-hrug ta' airport security pass u dan sabiex ikun jista' jahdem bhala support mechanic skont kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impjieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi permezz ta' decizjoni moghtija fit-28 ta' Jannar 2016, l-applikazzjoni giet michuda u dan kif jirrizulta mill-anness ittra Dok B. Jidher li r-raguni ta' tali rifjut kienet informazzjoni li tat il-Pulizija Ezekuttiva dwar xi kawzi pendenti tal-appellant.*

*Illi din id-decizjoni hija zbaljata u nghatat minghajr ma gew osservati l-principji tad-dritt amministrattiv u dan kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan l-appell.*

*Illi fl-ewwel lok jinghad li l-appellant attwalment m'ghandux zewg kawzi ta' natura kriminali li huma jub-judice. Jidher li s-sentenza li qieghda taghmel riferenza ghaliha l-awtorita` intimata hija s-sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona nhar il-11 ta' Dicembru 2012 kontra l-*

*appellant. Minn qari ta' dik is-sentenza pero`, jirrizulta li l-appellant kien gie liberat minn numru sostanzjali ta' akkuzi u nstab hati biss ta' pussess ta' arma minghajr licenzja. Apparti minn hekk, dik kienet grajja tas-sena 2006, u certament l-appellant m'ghandux jibqa' jbati konsegwenzi ta' agir maghmul ghaxar snin ilu.*

*Illi in oltre, kien sar rikors appozitu sabiex tigi mnaddfa l-kondotta tal-appellant, liema rikors gie milqugh. Ghalhekk anke l-informazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva kienet zbaljata u ma tirreferix ghall-kondotta izda semmai il-pulizija tat informazzjoni ibbazata fuq l-conviction sheet. Certament, il-fatt li l-istess Qorti li mponiet dik il-piena waslet sabiex tnehhi l-istess reat minn fuq il-kondotta tal-appellant, kien ragunament li kellu jittiehed in konsiderazzjoni ai finijiet ta' din l-applikazzjoni.*

*Illi jirrizulta li l-appellant instab hati biss ta' reat kontra l-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta li m'huwiex parti mir-reati li abbazi taghhom seta' johrog ir-rifjut ai termini tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 kif emendata. Dan ir-reat ma jaqax taht is-sezzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali.*

*Illi in oltre, l-istess Avviz Legali jaghti poter diskrezzjonali ai termini tal-Artikolu 9 fejn il-manager relevanti xorta jista' jaccetta l-applikazzjoni nonostante l-fatt li l-appellant ma jissodisfax strettament ir-rekwiziti ta' dan l-Avviz Legali. Wara kollox, jerga' jigi mtenni li hawnhekk qeghdin fil-kamp amministrattiv u huma l-principji regolatorji ta' dan il-qasam li kellhom jigu applikati f'dan il-kaz.*

*Illi l-appellant m'huwiex sejjer jiddilunga zzejjed f'dan ir-rikors promotur, izda jinsisti minn issa li principju bazilari tal-kamp amministrattiv huwa r-ragonevolezza tad-decizjonijiet, liema principji gie skartat f'dan il-kaz. Wiehed irid jara meta fil-fatt sehhet il-grajja tal-appellant u mhux semplicement meta nstab hati. Dan apparti li l-appellant gie liberat mill-akkuzi kollha salv ghal wahda.*

*Illi in oltre, jekk hemm xi kawzi kriminali pendenti, allura l-appellant ghadu innocenti u certament ma tistax tittiehed decizjoni daqshekk drakonjana meta l-Qorti Kriminali stess ghadha ma sabitx htija. F'dan ir-rigward l-appellant qieghed jirriserva li jmexxi anke gewwa fora ohra ilmenti ta' natura kostituzzjonali jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-appellant jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jikkancella, jirrevoka u jhassar id-decizjoni moghtija fl-ittra datata 28 ta' Jannar 2016 u konsegwentement jordna lill-Awtorita` appellata sabiex taccetta l-applikazzjoni tal-appellant u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **Mario Bugeja fil-kapacita` tieghu ta' Head Aviation Security Malta** datata 24 ta' Frar, 2016 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** l-esponent jeċepixxi illi l-appell kif redatt huwa fis-sens li qed jipprova jiġi nkwadrat taħt iż-żewġ raġunijiet elenkati fl-Artikolu 10[1] ta' l-Avviż Legali 488 ta' l-2011, Regolamenti dwar is-Sigurta' fl-*

[1] ' - illi r-reat inkwistjoni mhuwiex wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda; u,jew
- illi l-perjodu ta' rijabilitazzjoni provdut fir-regolament 8 kien iddekorra'.

*Ajruport (Background Checks), kif emendat permezz tal-Avviż Legali 454 tal-2012, 1 tal-2013 u 27 tal-2014 li taħthom huwa possibbli li jiġi ntavolat appell. Fis-sustanza jidher li dak li qed jiġi identifikat bħala aggravvju effettivament jeżorbita dak li jipprovdi l-imsemmi Artikolu 10. Isegwi għalhekk li dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni sabiex jistħarreġ dak li qed jitlob ir-rikorrent.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Dahan Al Hamed vs Uffiċċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Spettur Edel Mary Camilleri)*** *(Ċit Nru 14/2009) deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju 2009 li kienet tirrigwarda sitwazzjoni fejn kien jeżisti dritt t'appell limitat. F'dan ir-rigward il-Qorti kienet irriteniet illi:*

> *[...] ġjaladarba d-determinazzjoni tal-mezz ta' l-appell ammissibbli kontra d-deċiżjoni tiġi effetwata fuq il-bażi tal-kwalifika tar-rapport kontrovers kif deċiż mill-Bord, ex lege, din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni biex tokkupa ruħha mill-kontestazzjoni da parti ta' l-appellant tas-soluzzjoni formulata mill-Bord fuq il-kwestjoni. U dan, la mill-punto di vista ta' l-ilment tan-nuqqas t'osservanza tan-normi proċesswali u lanqas mid-doljanzi l-oħra tiegħu fil-mertu. [...] Din il-Qorti trid b'dover tapplika l-liġi kif issibha statwita [...]*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, a kuntrajru ta' dak magħdud mir-rikorrent, l-esponent m'għamel l-ebda referenza għal kondotta u wisq anqas għal fedina penali, iżda straħ fuq dik l-informazzjoni li ġiet lilu mgħoddija mill-Pulizija u dan wara li dan tal-aħħar wettaq 'verifika fuq ir-records kriminali' ai termini tar-regolament 4 tal-Avviż Legali 488 tal-2011. Il-fatt li l-kondotta ġiet imnaddfa bis-saħħa ta' rikors, bl-ebda mod ma timpinġi fuq id-deċiżjoni aħħarija tal-esponent.*

3. *Illi fil-każ odjern minn informazzjoni mogħtija lill-esponenti mill-Pulizija wara verifika li twettqet minnhom dwar ir-rekord kriminali tal-applikant appellant Nelson Jose De Vella Seixas, irriżulta li kellu proċeduri kriminali pendenti kontrih dwar reat elenkat fit-Tieni Skeda. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent instab ħati b'reat elenkat fit-Tieni Skeda għal-liema ġie ikkundanat sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, liema sentenza ingħatat fit-18 ta' Diċembru 2012. Għaldaqstant ai termini tal-Avviż Legali hawn fuq imsemmi, ir-rikorrent preżentament ma jikkwalifikax sabiex jingħata is-security pass. Dan għaliex ai termini ta' l-Artikolu 8(1) tal-istess Avviż Legali, il-perjodu ta' rijabilitazzjoni fil-konfront tiegħu għadu m'għaddiex.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju, ir-rikorrent huwa skorett meta jgħid li 'reat kontra l-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta m'huweix parti mir-reati li abbazi taghhom seta johrog ir-rifjut ai termini tal-Avviz Legali 488 tas-sena 2011 kif emendata' u dan stante li l-paragrafu numru 4 tat-Tieni Skeda tal-imsemmi Avviż Legali*

*jagħmel referenza proprju għal 'Kull reat relatat mal-Att dwar l-Armi [u ċioe l-Kap 480 ġja Kap 66], inkuż l-attentat tal-kummissjoni ta' dawn ir-reati'.*

5. *Illi a contrario ta' dak magħdud fil-premessa ta' qabel tal-aħħar f'paġna numru 2 fir-rikors in risposta, l-esponent m'għandux diskrezzjoni u dan joħroġ mill-aktar mod ċar mill-qari tar-regolament 6 tal-Avviż Legali fejn jobbliga lill-esponent li ma joħroġx security pass 'jekk mill-informazzjoni mogħtija lill-Manager jirriżulta li l-applikant għandu proċeduri kriminali pendenti dwar xi reat elenkat fit-Tieni Skeda'.*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma jikkwalifikax għall-għoti tal-pass.*

7. *Illi finalment b'referenza għat-talba tar-rikorrent fejn talab lill-Onorabbli Tribunal 'tordna lill-awtorita appellata sabiex taccetta l-applikazzjoni tal-appellant', l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent joħroġ security pass u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2016 fejn Dr. Abigail Caruana ghal Aviation Security Malta spjegat lit-Tribunal li d-decizjoni appellata tat-28 ta' Jannar 2016 hija teknikament zbaljata fis-sens illi r-raguni li nghatat, u cioe` li l-appellant instab hati ta' reat kontra l-proprjeta' u s-sigurta` pubblika, ma kellhiex tkun hekk indikata izda kellha tigi indikata t-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 488 tal-2011 kif sussegwentement emendata u precizament ir-raba' punt li jitratta dwar reat kontra l-Att dwar l-Armi;

Ra li fl-istess seduta Dr. Joseph Gatt ghall-appellant, in vista ta' dan il-verbal, irtira t-talba tieghu sabiex l-Awtorita` appellata taccetta l-applikazzjoni tal-appellant;

Ra illi Aviation Security Malta fl-istess seduta ammettiet it-talba fejn intalab li dan it-Tribunal jikkancella, jirrevoka u jhassar id-decizjoni tat-28 ta' Jannar 2016;

**Decide**

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrent u qieghed jikkancella, jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Aviation Security Malta datata 28 ta' Jannar 2016 fil-konfront tar-rikorrent.

Bl-ispejjez a karigu ta' Aviation Security Malta.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**